

22000D1109(08)

L 284/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.11.2000

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 53/1999****tat-30 ta' April 1999****li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness IX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/98 ta' l-ta' Diċembru 1998 (¹);
- (2) d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tal-ħlas f'pagament u sistemi ta' ħlas ta' titoli (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 16a (Direttiva 97/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness IX għall-Ftehim:

"16b. **398 L 0026:** Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tal-ħlas f'pagament u sistemi ta' ħlas ta' titoli (ĠU L 166, tal-11.6.1998, p. 45)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi nhar l-1 ta' Mejju 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-TaqSIMA taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, 30 ta' April 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

(¹) ĠU L 277, tat-28.10.1999, p. 46.

(²) ĠU L 166, tal-11.6.1998, p. 45.